

# L-Istatwa Titulari ta' Marija Immakulata f'għeluq il-25 sena fostna

**Ivan Bugeja**

F'dan l-artiklu se nagħti ħarsa lejn l-istatwa titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni, kif ukoll lejn id-ditta li kienet ħadmet lil din l-istatwa artistika u anġelika li tinsab meqjuma b'akbar għożża fil-parroċċa tagħna. Se nagħti ħarsa wkoll kif u meta waslet Malta u aktar tard fil-parroċċa tagħna.

## ID-DITTA ROSA, ZANAZIO & CO.

L-isem oriġinali ta' din id-ditta kien *Arte Sacra – Società Anonima Franceso Rosa & Co., fabbrica di statue religiose.* Id-ditta twaqqfet mill-istatwarju Franceso Rosa fl-1895, fil-kapitali tal-Italja, Ruma u fil-bidu tas-snin tal-operat tagħha kienet ġo *Via delle Fornaci*, triq viċin ħafna tal-bażilika ta' San Pietru, fil-belt tal-Vatikan.



SOCIETA' ITALIANA PER LA FABBRICAZIONE DELLE STATUE RELIGIOSE

Rosa, Zanazio & C.

ora Francesco Rosa & C.

Via Borgonuovo N. 96 — ROMA — Quartiere Postale 13

Aktar tard, flimkien ma Franceso Rosa ngħaqad Igino Zanazio, artist Taljan ieħor tassew magħruf fix-xogħol tal-istatwi sagri u minn hawnhekk il-quddiem, id-ditta ħadet l-isem ta' *Antica Casa Rosa, Zanazio & Co.* Hawnhekk il-kumpanija mxiet għal *Via del Crocifisso* f'naħa oħra tal-kapitali Rumana, filwaqt li fetħet ukoll zewġ uffiċini ġo *91, Via Borgo Nuovo* u f'*Corso Emanuele*, it-tnejn f'Ruma wkoll.

Jingħad illi Igino Zanazio miet f'età tassew żgħira u minħabba din ir-raġuni d-ditta spiċċat sabiex bidlet lis-sidien tagħha u għalhekk Francesco Rosa ma baqgħax jagħmel aktar dan ix-xogħol. Min ħa taħt idu lil din id-ditta għadu mhux magħruf, iżda li hu żgur hu li għad darba oħra kollox rega' mexa lejn *Via Conciliazione*, ftit passi l-bogħod mill-bażilika ta' San Pietru.

Minn hawnhekk il-quddiem id-ditta ma baqgħetx timmanifattura statwi u minflok ħadet aktar ix-xejra ta' ħanut li jbiegħ l-affarijiet sagri fosthom statwi, kwadri u affarijiet reliġjużi oħra. Meta mbagħad ingħata bidu għall-bini tal-pjazza maestuża tal-Vatikan, ħafna mid-djar twaqqgħu u fosthom kien hemm dan il-ħanut. Għalhekk il-ħanut reġa` għal darba oħra kien trasferit, din id-darba lejn *Via del Corso*, sabiex imbagħad u ftit snin wara dan il-ħanut sab postu ġo *Via Borgo Vittoria*, ftit metri l-bogħod mill-Vatikan.

Kif diġa għedt ftit il-fuq, Igino Zanazio miet f'età żgħira u flimkien miegħu mietet it-tradizzjoni tal-familja tiegħu, dik tax-xogħol fl-istatwi. Dan seħħ għaliex ibnu

ma kienx interessat li jkompli b'din it-tradizzjoni u minflok hu ingħaqad f'armata Taljana bħala suldat fis-snin tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Hu kompla l-karriera militari tiegħu sakemm spiċċa fil-grad ta' kurunell.



Imbagħad mas-snin id-ditta kompliet tibdel lis-sidien tagħha għal diversi drabi sakemm fl-1984 inxtrat mill-familja Massetti. Illum din il-kumpanija hi mmexxija minn Enrico Massetti u fil-preżent qed iġġib l-isem ta' *Mar Statue Sacre*. Il-ħanut jinsab f'numru *61, Borgo Vittorio* f' Ruma.

Fost ix-xogħolijiet li saru għal Malta mid-ditta Rosa, Zanazio & Co. insibu lill-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fil-knisja tagħna, kif ukoll lill-istatwa ta' Santa Marija tal-Katidral t'Għawdex u li kienet inġiebet fl-1897. Xogħol ieħor hu dak ta' Ġesù Redentur li jinsab f'Tal-Virtu fir-Rabat Malta. Din waslet f'pajjiżna fl-1901. Imbagħad insibu wkoll erba` anġli tassew ħelwin li sal-lum għadhom idawwru lill-pedestall tal-istatwa ta' San Ġużepp tar-Rabat. Dawn l-anġli kien inġiebu Malta fl-1902.

## L-ISTATWA TAL-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI TAGĦNA



Din l-istatwa kienet irregalata lilna mill-Arċikonfraternità tal-Kunċizzjoni tal-Patrijiet Franġiskani Konventali tal-Belt Valletta. Din l-Arċikonfraternità twaqqfet uffiċjalment fil-21 ta' Ġunju tal-1637 mill-Franġiskan P.M. Filippo Cagliola, bil-għan li jxerred id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni fil-gżejjer tagħna.

Fil-fatt qabel din l-istatwa huma kellhom oħra, statwa li kienet akkwistata mill-Portugal fl-1687. Din l-istatwa kienet tal-injam u kien ġabha Malta l-Balliju Tavola. Mas-snin huma kienu ordnaw statwa tal-Kunċizzjoni oħra, statwa isbaħ u li llum tinsab fostna, fil-Ħamrun.

L-istatwa kienet ġiet ordnata f'Ottubru tal-1902 mir-Rettur Arċikonfraternità, in-Nutar Pietro Bartoli u kienet swiet madwar 612-il lira Taljana. Din l-istatwa kienet ordnata f'Ottubru tal-1902 u r-Rettur innifsu kien ħareġ is-somma ta' 25 Lira Taljana minn butu stess, u dan kien ma jaqtax qalb sħabu l-fratelli. L-istatwa waslet Malta s-sena ta' wara, eżattament fit-3 ta' Diċembru tal-1903.

Ta' min jgħid ukoll illi l-fratelli kienu bagħtu Ruma wieħed mill-istellarji li kellhom sabiex dan jiżżejjen b'ħaġar prezzjuż f'kull stilla li kellu. Ħaġa tassew interessanti kienet illi qabel waslet Malta, l-istatwa kienet ittieħdet mid-ditta *Rosa, Zanazio & Co.* lejn il-Vatikan sabiex tbierket mill-Papa Ljun XIII. L-istatwa waslet il-Belt Valletta fost sodisfazzjon mill-aktar u mal-wasla tagħha l-Arċisqof Pietro Pace kien mistieden biex imur jaraha fl-Oratorju tal-Arċikonfraternità. Dan seħħ nhar id-9 ta' Diċembru 1903 u hawnhekk l-istess Arċisqof kien talab quddiemha u kien ikkonċeda 40 jum indulġenza lil kull minn jgħid l-Ave Maria quddiemha.



Din l-istatwa tixbaħ ħafna lill-Kunċizzjoni ta' Bartolome Estaban Murillo, għandha stil Neo-Klassiku u hi maħduma kollha kemm minn kompożizzjoni li tixbaħ ħafna lill-kartapesta Romana. It-tul tagħha hu ta' 180 cm.

Kien eżattament nhar it-30 ta' Novembru tal-1985 meta fostna waslet l-istatwa titulari mill-Belt Valletta u dan wara li l-kappillan Dun Manuel Agius kien sar jaf li l-Arċikonfraternità kellha żewġ statwi tal-Immakulata Kunċizzjoni. It-talba għaliha kienet saret fis-16 ta' Novembru tal-1984 u hawnhekk l-Arċikonfraternità laqgħet it-talba tiegħu mill-ewwel. Huma kienu ddeċidew li jirregalawha lill-parroċċa tagħna, bil-kundizzjoni li terġa' tittieħed lura jekk ma tibqax tintuża bħala statwa titulari. Iċ-ċerimonja tat-trasferiment saret fil-knisja parrokkjali tagħna, nhar it-30 ta' Novembru tal-1985 b'kuntratt quddiem in-nutar Ġużeppi Cachia, il-mistednin distinti u ġemgħa kbira ta' parruċċani. Dakinhar kien sar diskors tal-okkażjoni mir-Rettur tal-Arċikonfraternita`, in-Nutar Pawlu Mallia L.L.D.

Fl-1988 l-istatwa titulari saritilha l-indurata mis-Sur Horace Farrugia tal-Imdina, u fl-1989 sarilha pedestal ġdid, xogħol il-mastrudaxxa Agius. Fl-1991 tlestiet wkoll il-bradella l-ġdida, li kienet maħduma mis-Sur Mangion tal-Ħamrun, bix-xogħol tal-iskultura u l-istatwetti jsir mis-Sur Camilleri Cauchi tal-Fgura. Fl-1991 saret ukoll raġġiera ġdida li nħadmet mid-ditta Aquilina, sabiex aktar tard il-proġett kien komplut b'sett vażuni tal-injam, bi fjuretti u girlanda tal-ganutel, b'mant mill-isbaħ u b'żewġ puttini li żżanżnu f'2008.

B'hekk u issa nistgħu ngħidu li għandna statwa mill-isbaħ, statwa kompluta u fost l-isbaħ li hawn f'pajjiżna. Ta' kull sena waqt il-festa titulari tal-parroċċa tagħna din l-istatwa toħroġ fost l-entużjażmu tal-parruċċani u d-devoti tal-Immakulata Kunċizzjoni li jkunu preżenti.